# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 464/2012**

Il-Pulizija

vs

**Nicholas John Vella**

iben Joseph, imwieled Pieta’, fit-3 ta’ April, 1987, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 166487(M)

Illum, 30 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Nicholas John Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Czejjer, bhala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fit-8 ta' Marzu, 2008, naqas milli jibghat lill-Kummissjonarju r-rapport tal-ispejjez elettorali tieghu fi zmien sittin gurnata mill-hrug tar-rizultat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' dawk l-elezzjonijiet, u cioe' sad-19 ta' Mejju 2008, bi ksur ta' l-Artikolu 101(1) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti semghet lill-prosekuzzjoni tirtira l-akkuza kontra l-appellat Nicholas John Vella.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tas-16 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar **u tirrevoka** s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla u fic-cirkostanzi tipprocedi *ai termini* tal-artiko1u 428 tal-Kodici Krirninali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi f1-4 ta' Ottubru, 2012, l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihorn in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ddisponiet mill-kaz wara li erronjarnent l-ufficjal tal-pulizija rtira l-akkuza kontra l-appellat Nicholas John Vella minghajr ma' dan kellu s-setgha moghtija lilu mill-Ligi biex jirtira l-akkuza kontra l-imsemmi appellat.

Illi l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 122(4) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid:

> *"Kull decizjoni tal-Qrati tal-Magistrati dwar reat taht dawn ir-regolamenti, tista', fil-kazijiet kollha, tigi appellata mill-Avukat Generali u mill-parti misjuba hatja".*

Illi jirrizulta rnis-sentenza appellata, a fol. 13 tal-process, illi fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012, l-ufficjal prosekutur erronjament irtira l-akkuza kontra l-appellat Nicholas John Vella.

Illi ghalkemm l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali hija vestita fil-pulizija ex officio li jagixxu bhala prosekuturi kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Krirninali, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Inkwirenti, l-proceduri fil-konfront ta' persuni akkuzati b' certi reati jistghu biss jinbdew bil-kunsens tal-Avukat Generali.

Illi effettivament, l-artikolu 103 (1) u (2) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Kull min jaghmel att illegali jehel, meta jinsab hati, multa ta' mhux izied minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ...*
> *Ebda procediment ghal att illegali ma jista' jinbeda minghajr il-permess tal-Avukat Generali".*

Illi kwindi huwa evidentissimu illi sabiex persuna tigi mressqa quddiem il-Qorti tal- Magistrat taht akkuza, li kkommetta tali delitt taht il-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali jrid jaghti l-kunsens tieghu. Illi dejjem bid-dovut rispett, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kienet manifestament zbaljata meta rritjeniet it-talba tal-ufficjal prosekutur bizzejjed biex ittemm il-proceduri kriminali kontra l-appellat. Huwa assai legalment insostennibli li proceduri mibdija bl-awtorita tal-Avukat Generali jitwaqfu hesrem minghajr l-awtorita' tal-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja fejn ix-xhieda moghtija quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti jkollha tisma mill-gdid il-provi prodotti kollha.

Illi dan hu appell tal-Avukat Generali u kien jispetta ghalih li jitlob li jergghu jinstemghu l-provi. Din hi haga li hu ma talabx u strah fuq l-appell li hu ppropona.

Illi skont l-artikolu 103(2) tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta:
"Ebda procediment ghal att illegali ma jista' jinbeda minghajr il-permess tal-Avukat Generali."

Illi mill-atti ta' dan l-appell jirrizulta li ma hemm ebda permess tal-Avuat Generlai li gie ezebit.

Illi fit-tieni lok, kienet il-Prosekuzzjoni li fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012 irtirat il-kawza quddiem l-ewwel Qorti.  Il-fatt stramb hu li kienet il-Prosekuzzjoni stess li pprezentat nota lill-Qorti fejn infurmat lill-Qorti li kienet bi hsiebha tappella.  Veru kaz stramb u din il-Qorti qed tastjeni milli taghmel kummenti zejda fuq l-operat tal-Prosekuzzjoni.

Illi l-Avukat Generali qed jibbaza l-appell tieghu fuq il-fatt li l-ewwel Qorti "...ddisponiet mill-kaz wara li erronejament l-ufficjal tal-pulizija rtira l-akkuza...".  Din il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-Avukat Generali li l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda pronunzjament fuq il-kaz minhabba l-agir tal-Prosekuzzjoni.  Illi fic-cirkostanzi elenkati mill-Avukat Generali ma tirrizulta ebda decizjoni tal-ewwel Qorti u ghalhekk ma hemm xejn li jista' jigi appellat.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali billi ma hemm ebda decizjoni li tista' tigi appellata.